QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 49** **IT-TLIETA 12 TA' APRIL 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 12 ta' April 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil u Jeffrey Camilleri (7:10pm).

Il-Kunsilliera Simon Vella Gregory u Ralph Puli kienu skużati għaliex ma setgħux jattendu minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**49/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 48**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 48 li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 48 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**49/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**49/02/01** Is-Sindku nforma li d-dokument tal-approvazzjoni tax-xiri tal-garaxx mal-bini tal-Kunsill li wasal il-Kunsill, ġie mgħoddi lill-APS Bank fejn

nhar it-Tnejn 18 ta' April ser niltaqgħu filgħodu għall-iffirmar tal-Kuntratt tax-xiri. Il-Kunsill għandu jibda jirranġa l-post sabiex jinfetaħ bħala *Customer Care Front Office Area* għar-residenti. **DOK 'A'**

**49/02/02** **Is-Sindku** rrefera għal korrispondenza li l-Kunsill rċieva mingħand is-Segretarju, Sezzjoni Lejl f'Casal Fornaro, Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi dwar l-attivita' Lejl f'Casal Fornaro u l-laqgħa li nżammet dwar is-suġġett. **DOK 'B1'**

L-Għaqda nfurmat li kienu qed jipproponu li l-attivitajiet ta' Lejl f'Casal Fornaro ta' din is-sena ma kenux beħsiehom jorganizawwha fis-16 ta' Ottubru imma fis-27 ta' Awissu 2011, fejn sostnew li għandhom min jirranġalhom biex jibdlu d-data.

Kien spjegat mill-Għaqda li din ma kenitx deċiżjoni faċli speċjalment meta wieħed jikkonsidra kemm din l-attivita' mill-ewwel sena tagħha ġiet milqugħa tajjeb min-nies mhux biss tal-lokalita' iżda wkoll mill-Maltin u t-turisti. Iżda fis-sentejn li għaddew l-attivita' kellha titħassar rninħabba maltemp kbir. Dan għaliex fl-2010 fis-16 ta' Ottubru l-attivita' twaqqfet u tħassret rninħabba il-maltemp, u ġimgħa wara fit-23 ta' Ottubru kellha wkoll titwaqqaf u titħassar minħabba li għal darb'oħra fil-ħin tal-attivita' għaddiet maltempata kbira u reġa' tħassar kollox, b'telf finanzjarju kbir.

Is-Sindku fakkar li din id-data proposta kienet biss ġimgħa qabel attivita' oħra, il-Festival tal-Inbid, li l-Kunsill itella' flimkien mal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ, u għalhekk il-Kunsill qabel li ma kienx beħsiebu japprova u jagħti lok li jinħoloq xi tip ta' *trouble* bejn l-Għaqdiet tal-Lokal.

Il-Kunsill fakkar ukoll li din l-attivita' kienet marbuta ma' skema li tibda mill-15 ta' Settembru sal-aħħar ta' Mejju, u d-data tas-16 ta' Ottubru hija marbutha fl-ittra uffiċjali tal-approvazzjoni tal-attivita' u ma tistax tinbidel skont Memos li ħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan is-suġġett u li kienu kollha mgħoddija lill-Għaqdiet li daħlu fl-iskema mal-Kunsill. Inġbdet l-attenzjoni wkoll li deċiżjoni bħal din kienet se tħalli riperkussjonijiet lill-Kunsill, fejn jintilfu l-fondi ta' €6000 mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, minbarra li din id-deċiżjoni tista' ttellef dawn il-fondi lil-lokalita', kif ukoll ċans li l-Kunsill jirċievi fondi simili s-sena d-dieħla. **DOK 'B2-3'**

**49/02/03** **Is-Sindku** nforma li l-Perit tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kuntrattur iltaqgħu mal-Perita tal-Awtorita' tad-Djar dwar l-Ewwel Skema, u kien diskuss ix-xogħol propost li jsir fil-passaġġi madwar il-blokk f'Ta' Pascarella u madwar il-blokki ta' De La Cruz.

Barra minn hekk il-Kunsill bagħat ir-rapport imħejji mill-Perit tal-Kunsill William Lewis, għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-proposti u d-dettalji kollha tax-xogħlijiet meħtieġa f'din l-ewwel sena tal-iskema

"Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016" lill-Awtorita' tad-Djar.

**49/02/04** **Is-Sindku** rrefera għall-Proġett mal-GAL Xlokk li qed jitħejja bil-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill u ressaq numru ta' pjanti dwar il-proposti tal-proġett, li jitlaq minn Fuq tal-Blat 1, tul triq Ħat-Attard, Triq il-Wied, għal quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas.

**49/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' MArzu
**b)** *Bank Payments* Marzu 2011
**c)** *Petty Cash* Marzu 2011

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda.
**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**49/04** **Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri** daħal għas-seduta fis-7.10 ta' filgħaxija.

**49/05 APPROVAZZJONI TAL-ĦLAS TAL-ATTIVITA' LEJL F'CASAL FORNARO 2010**

Is-Sindku ressaq il-lista ta' spejjeż tal-attivita' Lejl f'Casal Fornaro 2010, u ppropona l-ħlas ta' €5,000 lill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi skont il-ftehim ta' aċċettazzjoni taħt l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali.

**DOK 'C4'**

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieqa** ssekondat.
**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** dan il-pagament.

**49/06 MOZZJONI 123/2011 (V) –**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 123/2011 dwar ħarġa li l-Kunsill qed jorganiżża għall-persuni b'diżabilita' tal-lokalita'.

‘Nipproponi li l-Kunsill jorganizza ħarġa għall-persuni b’diżabilita bil-koperazzjoni tal-*Qormi Support Group*. Il-ħarġa sejra ssir nhar l-Erbgħa 27 ta’ April, fl-okkażjoni tal-festa ta’ San Girgor.

L-ispiża għal din l-attivita’ hija ta’ madwar € 500, liema spiża tinkludi t-transport u l-ikel ta’ madwar 35 persuna.’

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca ssekondat.**

**Ivvutaw Favur** id-disa’ (9) Kunsillier preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva**.

**49/07** **TENDER – *SUPPLY AND INSTALLATION OF VARIOUS ITEMS FOR GNIEN BERTU HYZLER*.**

**Is-Sindku** ppreżenta u qara r-rapport imħejji għall-kumitat tal-offerti mill-Perit tal-Kunsill dwar l-Offerti mitfugħa għall-erba’ lottijiet fit-tender, *Supply and Installation of Various items* għal Ġnien Bertu Hyzler fi Triq Anglu Borg. **DOK ‘D1-2’**

Għal dawn l-offerti inxteħtu sitt *tenders*, li kien fihom id-dokumenti kollha meħtieġa skont kif mitluba fit-tender. Ir-rapport għamel analiżi tal-prezzijiet mitfugħa għal kull *Lot*.

Għal-*Lot* 1, *Supply and Installation of Steel Grille*, kien hemm tlett offerti, fejn l-irħas offerta kienet dik ta’ *Road Maintenance Services Ltd*, għal €13,400.

Għal-*Lot* 2, *Construct and Supply Table and four Benches*, tressqet offerta waħda, dik ta’ *Road Maintenance Services Ltd.*, għas-somma ta’ €5,000.

Għal-*Lot* 3, *Supply of Benches and Bins*, kien hemm ħames offerti, bid-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. L-irħas offerta kienet dik ta’ Anton Zarb għal *Bench* 504 u dust-bin A-008 b’valur totali ta’ €6,423.70.

Għal-*Lot* 4, *Supply and laying of soft Synthetic Carpet*, kien hemm żewġ offerti u l-irħas offerta kienet dik ta’ *Road Maintenance Services Ltd.*, għas-somma ta’ €2,000.

**Is-Sindku** ppropona għall-approvazzjoni dan ir-rapport li jindika l-irħas offerta għal kull *Lot* mitlub fit-tender .

**Il-Kunsillier Dennis Zammit issekonda.**

**Ivvutaw Favur id-disa’(9) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport sabiex l-offerti jingħataw, kif hemm fir-rapport:
Għal-lot 1, *Supply and Installation of Steel Grille*, *Road Maintenance Services Ltd*, għal €13,400.

Għal-*Lot* 2, *Construct and Supply Table and four Benches*, *Road Maintenance Services Ltd*. għal €5,000.

Għal- *Lot* 3, *Supply of Benches and Bins*, Anton Zarb għal Bench 504 u dust-bin A-008 b'valur totali ta' €6,423.70.

Għal-*Lot* 4, *Supply and laying of soft Synthetic Carpet*, Road Maintenance Services Ltd., għal €2,000.

**49/08 KUMITAT KONĠUNT ĊENTRALI**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondeza mill-Kumitat Konġunt Ċentrali dwar Estensjoni tal-Kuntratt għall-Provista ta' Servizzi ta' Gwardjani Lokali. Il-Kumitat Konġunt iddecieda illi mingħajr prgudizzju għad-drittijiet kontrattwali u legali tiegħu, ressaq il-proposti finali tiegħu kif ġej:

(a) illi, l-Kuntratt eżistenti għandu jiġi estiż għal perjodu ta' tlitt xhur b'effett mill-1 ta' April 2011;
(b) illi, għall-ewwel xahar ir-rati għandhom jibqgħu dawk preżenti;
(c) illi, matul it-tieni xahar ir-rata għall-provista tas-servizzi tal-Gwardjani tar-rotta tiżdied b'Ewro fis-siegħa;
(d) illi, matul it-tielet xahar ir-rata tiżdied b'żewġ Ewro,

fejn din il-konċessjoni qed tingħata bil-premessa li l-*performance* tal-Gwardjani Lokali fir-rigward ta' infurzar dwar offiżi ambjentali partikolarment dawk relatati mal-klieb u skart titjib sostanzjalment b'mod li jkun jidher ċar li l-Kunsilli qed jagħtu każ ta' l-ambjent fil-lokalitajiet tagħhom u dan mingħajr preġudizzju għall-infurzar ta' reati tat-traffiku.

Is-Sindku nforma li kien maqbul ukoll li biex dan ikun jista' jsir, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa minflok ir-rotot normali r-ronda fil-lokalitajiet f'dan id-distrett tibda ssir minn Gwardjani Pajżana (Green Wardens) u f'dawn il-granet issir kampanja konċentrata u mingħajr waqfien biex jinqabdu dawk li jiġu jaqgħu u jqumu mill-ambjent ta' pajjizna.

Is-Sindku ressaq ukoll korrispondenza dwar ilment fl-*Industrial Estate* tal-Imrieħel, Triq l-Industrija, Kummerċ, Bankiera etc qed imur il-gwardjan iħarrek, meta snin ilu kien sar qbil li ma jersqux lejn l-*Industrial Estates*. Kien imfisser li dik is-sitwazzjoni tbiddlet u nħaeġu struzzjonijiet ġodda fejn iż-żoni industrijali m'għandhomx ikunu esklużi mill-infurzar. **DOK 'E1-2'**

**49/09 AWTORITA' TAD-DJAR – SKEMA 2**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq r-rapport imħejji mill-Perit tal-Kunsill dwar il-Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-Binjiet, flimkien ma' lista ta' dokumenti dwar kull blokk.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill bagħat ir-rapport imħejji mill-Perit tal-Kunsill William Lewis, għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-proposti u d-dettalji kollha tax-xogħlijiet meħtieġa f'din l-ewwel sena tal-iskema "Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016" lill-Awtorita' tad-Djar. Ir-rapport, li hu maqsum f'żewġ dokumenti, jiġbor d-dettalji kollha mitluba, kif ukoll ritratti ta' kull blokka li ntgħażlet, bix-xogħol kollu meħtieġ. Il-Kunsill ressaq tmien Housing Blocks fi Triq id-Deheb Fin Ta' Farzina, u żewġ Housing Blocks oħra fi Triq is-Sebħ Fuq tal-Blat. Il-Blokki magħżula huma BLOCKS X2, X3, X4, Y1, Y2, Y3, Y4 u Y5 ta' Triq id-Deheb Fin Ta' Farzina, u BLOCK A u B ta' Triq is-Sebħ Fuq tal-Blat.

Minn dan ir-rapport dettaljat, il-Kunsill silet ix-xogħol propost li jsir f'kull Blokka, skont l-istimi mħejjija, sa massimu ta' Euro 5,000 għal kull blokka jew total ta' Euro 50,000 għall-għaxar blokki.

Is-CEO tal-Awtorita' tad-Djar irrangrazzja lill-Kunsill tax-xogħol eċċellenti li ġie ppreżentat u nhar it-Tnejn u t-Tlieta 18 u 19 ta' April sejrin jinżammu laqgħat mar-residenti ta' dawn il-Blokki biex ikun spjegat il-programm ta' ħidma. **DOK 'F'**

**49/10 SEJĦA GĦALL-ORGANIZZAR TA' ATTIVITAJIET KULTURALI MINN GĦAQDIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2011 - 2014**

**Is-Sindku** ressaq id-dokument finali dwar is-sejħa għall-organizzar ta' attvitajiet kulturali minn Għaqdiet taż-Żgħażagħ li għandu jservi għall-ftehim ġdid li l-Kunsill qed iħejji li jagħmel mal-Għaqdiet wara li tinħareġ is-sejħa . **DOK 'G'**

Dan id-dokument qed jitressaq għall-attenzjoni ta' dawk l-Għaqdiet li lesti jaħdmu bl-istess għan tal-Kunsill, permezz ta' sejħa għall-programm ta' attivitajiet, liema sejħa se tkun tikkonsisti fi tliet skemi.

L-għaqdiet se jkunu mistiedna jorganizzaw attivitajiet fil-lokalita' li jrawwmu l-Kultura Qormija u jsejjsu dak kollu li nbena sal-lum, permezz tal-volontarjat. L-Għaqdiet, li se jissieħbu għandhom jaqsmu u jikkondividu dawn l-għanijiet tal-Kunsill Lokali Qormi u għandhom jikkommettu ruħhom li joffru x-xogħol volontarju tagħhom biex b'mod konkret dawn il-prinċipji jsiru realta'. Kull għaqda għandha l-obbligu li tippreżenta lill-Kunsill Lokali rendikont finanzjarju għal kull attivita' u l-ispejjeż kollha nvoluti għandhom ikunu koperti b'irċevuti fiskali.

Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ din is-sejħa mmedjatament.

**49/11** **GAL XLOKK**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' pjanti mħejjija mill-Perit tal-Kunsill dwar il-mixja kulturali li qed tkun proposta minn fuq tal-Blat 1 fi Triq il-Belt Valletta għal quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Ħlas. **DOK 'H'**

**Is-Sindku** fisser li dan id-dokument qed jitħejja sabiex jitressaq għall-fondi ta' dan il-proġett mal-Gal Xlokk. Hu maħsub li b'dawn il-fondi jinħadmu diversi proġetti tul din il-mixja. Saret diskussjoni dwar dan il-proġett li se jitressaq fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju.

**49/12** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni li ħa ir-Reġjun Nofsinhar fil-laqgħa tad-9 ta' Marzu 2011, fejn sar qbil unanimu mal-proposta tal-Vici President Jesmond Aquilina li kull Kunsill Lokali fir-Reġjun joħroġ l-ammont ta' €125 għas-servizz legali tar-Reġjun (liema servizz kien deciz b'mod unanimu li jigi assorbit mir-Regjun Nofsinhar fil-laqgħa tas-17 ta' Frar), liema flus jiġu rifużi lura jew meta r-Reġjun ikollu l-fondi meħtieġa jew inkella meta tibda taħdem is-sistema tal-infurzar lokali taħt il-kappa tar-Reġjun. **DOK 'J'**

**49/13** **Is-Sindku** fisser li x-xogħol fuq Triq 23 ta' April u l-isqaqien kien wasal fil-fażi finali għat-tarmac, li hu maħsub li jsir wara l-Għid il-Kbir, wara li l-bankina mal-blokka tal-bini li qed jinbena, ma tlestietx minħabba problemi li nħolqu mis-sidien ta' din il-blokka. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel, li l-Kunsill japprova x-xogħol fi Triq Dun Gużepp Vella, n-niżla għal Triq il-Barrakki, faċċata ta Triq 23 ta' April, wara li jkunu kkonsultati l-entitajiet kollha dwar il-bżonnijiet li jinbidlu s-servizzi, biex b'hekk dik l-area kollha tkun ingħatat it-tarmac.

**Is-Sindku** fakkar li se jsir xogħol ta' bini ta' tliet toroq ġodda, mill-Gvern Ċentrali permezz ta' Transport Malta, fi Triq l-Għadira, Triq l-Iskultur u Triq Dr. Ġorġ Mifsud Chirchop, u ppropona li l-Kunsill jibda jħejji mal-entitajiet kollha l-bżonnijiet ta' servizzi ġodda fil-parti ta' triq il-Belt Valletta minn Triq l-Għadira sa fuq tal-Blat 1, sabiex il-Kunsill jagħmel extensive patching f'din il-parti tat-triq. Kien innutat li l-patching regolari bil-cold asphalt li qed isir repetutament, qed jiġi jiswa ħafna u għahekk qed ikun propost li jsir extensive patching bħal ma sar fi Triq il-Wied.

**49/14** **SUSTAINABLE MOBILITY FOR ĦANDAQ SCHOOL**

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, proposta mressqa mis-sur Mario Cucciardi mill-iskola sekondarja tal-Ħandaq. **DOK 'K'**

**Il-Kunsill** qabel ma' din it-talba li qed titressaq u nkarika lill-Kunsillier Zammit sabiex jitmexxa dan il-programm li qed ikun propost, u l-kunsill kien lest li jipprovdi l-Wardens neċessarji għal dan il-proġett.

**49/15** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** informa li l-Kunsill taż-Żgħażagħ qed iħejji l-proġett li sejjer iressaq din is-sena fil-ħidma tiegħu. Dettalji dwar dan il-proġett ikunu mressqa 'l quddiem. Il-Kunsillier Zammit fakkar li ż-żgħażagħ ħejjew materjal tal-ħarġa tad-Dielja, l-magazin tal-Kunsill li se jitqassam f'dawn il-ġranet.

**49/16** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'L 1-4'**

1. Ilment dwar *Dangerous Roads*
2. Ilment dwar ħmieġ taż-żwiemel fi Triq il-Ħabbież
3. Kumitat Festi Esterni San Ġorġ fejn qed jitolbu permess tal-Kunsill sabiex isiru sitt ħofor għall-antarjoli sabiex jintużaw fil-festa ta' San Ġorġ fi Pjazza San Franġisk, ħdejn l-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni, basta jkunu segwiti r-regolamenti dwar dan il-permess u x-xogħol.
4. Kumitat Festi Esterni San Ġorġ fejn qed jitolbu permess tal-Kunsill sabiex jagħmlu użu u jieħdu ħsieb ix-xelter li jinsab taħt Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni, dment li dan kollu jsir bil-permessi tal-*Heritage Malta*, tal-Awtorita' tal-MEPA, bħalma diġa intqal fuq l-istess suġġett lill-għaqdiet oħra.

**49/17** **Il-Sindku** nforma li nhar is-sibt li għadda, flimkien mal-Kunsillier Ralph Puli, iltaqgħu ma' Dr. George Hyzler u Karl Hyzler dwar il-monument propost għat-Tabib George Hyzler. Kien propost li minflok bust, il-monument ikun sħiħ, fejn il-familja lesta li toħroġ id-differenza, kif ukoll sar suġġeriment li dan il-monument jitwaqqaf fir-roundabout żgħira fi Triq il-Vitorja fejn hemm il-palma, faċċata tal-Health Centre. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dawn il-proposti.

**49/18** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill talba għall-permess tal-Kunsill sabiex sidien ta' ħwienet fi Triq il-Kbira jarmaw mejda quddiem l-entratura tal-ħanut tagħhom sabiex ibiegħu drinks minn fuqha, nhar il-Ħadd fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Irxoxt. Il-Kunsill qabel li jżomm il-*policy* addottata fil-festi u l-purċissjonijiet, jiġifieri li matul dawn il-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid, ma jinħarġux permessi lil Ħadd, tul il-mixja tal-purċissjoni, filwaqt li s-sidien tal-ħwienet imexxu l-bejgħ tagħhom minn ġewwa l-ħanut. **DOK 'M'**

**49/19** **ITTRA TAS-SUR JIMMY VELLA - MAMO TCV ADVOCATES**

Is-Sindku ressaq kopja tal-korrispondenza minn Mamo TCV Advocates f'isem is-sur Jimmy Vella mingħuta lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali u kkupjata lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn fost affarijiet oħra qed

jallega li l-operatur *Fair Traiding Limited* jiġbor ukoll l-iskart domestiku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. **DOK 'N1-2'**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat jikkomunika mal-Avukat tal-Kunsill sabiex iwieġeb immedjatament li din l-allegazjoni tas-Sur Vella hi maqlugħa minn żniedu u bla ebda fondament u jeħtieġ li jagħmel investigazzjoni aħjar qabel iħammeġ bl-allegazzjoni tiegħu lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

**49/20 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fit-26 ta' April 2011.
Il-laqgħa ntemmet fid-8:30 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)